

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-protezzjoni tat-tfal li jużaw l-Internet u teknoloġi ta' komunikazzjoni oħrajn

(2009/C 2/02)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Il-proposta fil-kuntest tagħha

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' tali data ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni skond l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 li waslet fl-4 ta' Marzu 2008 mill-Kummissjoni Ewropea;

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA

I. INTRODUZZJONI

Konsultazzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD)

1. Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-protezzjoni tat-tfal li jużaw l-Internet u teknoloġija ta' komunikazzjoni oħrajn (minn hawn 'il quddiem "il-proposta") intbagħtet mill-Kummissjoni lill-KEPD għal konsultazzjoni fl-4 ta' Marzu 2008, skond l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Din il-konsultazzjoni għandha tissemma espliċitament fil-preamblu għal din id-deċiżjoni.

2. Il-programm pluriennali l-ġdid (minn hawn 'il quddiem "il-programm") hu ppreżentat fil-kontinwità tal-programmi Safer Internet (1999-2004) u Safer Internet Plus (2005-2008).
3. Huma definiti erba' orjentazzjonijiet:
 - it-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġlieda kontra l-imġiba dannuża on-line,
 - il-promozzjoni ta' ambjent aktar sigur on-line,
 - l-iżgurar ta' sensibilizzazzjoni pubblika,
 - l-istabbiliment ta' database ta' għarfien.
4. Il-programm hu ppreżentat bħala konsistenti u komplimentari għal politiki, programmi u azzjonijiet Komunitarji rilevanti. B'konsiderazzjoni għan-numru ta' miżuri regolatorji eżistenti fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal fil-kuntest ta' teknoloġiji ġodda, dan il-programm jikkonċentra fuq l-azzjoni aktar milli fuq ir-regolament. Jitqiegħed fokus fuq l-effiċjenza u l-effettività ta' l-inizjattivi li għandhom jittieħdu, u l-adattament għall-evoluzzjoni ta' teknoloġiji ġodda. F'din il-perspettiva, huma previsti skambji mtejba ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki.
5. Bħala strument qafas, il-programm ma jidħolx fid-dettalji ta' l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu, iżda jippermetti għal sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti f'konformità ma' l-erba' orjentazzjonijiet definiti.

Fokus ta' l-opinjoni

6. L-orjentazzjonijiet ġenerali tal-programm jindirizzaw il-protezzjoni tat-tfal li jużaw l-Internet u teknoloġiji ta' komunikazzjoni oħrajn mingħajr ma jagħmlu enfasi fuq l-aspetti ta' privatezza tal-kwistjoni ⁽³⁾. Filwaqt li huwa jappoġġa totalment l-oġġettiv tal-proposta, il-KEPD f'din l-opinjoni ser jenfasizza dawn l-aspetti ta' privatezza.

⁽¹⁾ ĠUL 281, 23.11.1995, p. 31.

⁽²⁾ ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1.

⁽³⁾ Xi referenzi għall-privatezza jistgħu jinsabu fil-Valutazzjoni ta' l-Impatt (3.2.2. Riskji speċifiċi żvelar ta' informazzjoni personali 3.3. Gruppi ta' Mira; 5.2., Analiżi ta' l-impatt ta' l-għażliet ta' politika) iżda mhumiex żviluppatti b'mod sinifikanti.

7. Il-KEPD jikkunsidra bħala essenzjali li l-inizjattivi ppjanati jkunu konsistenti mal-qafas legali eżistenti kif ċitat f'din il-proposta ⁽¹⁾, u b'mod partikolari d-Direttiva 2000/31 dwar il-kummerċ elettroniku, id-Direttiva 2002/58/KE dwar il-privatezza elettronika, u d-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-data ⁽²⁾.

8. Għandu jittieħed kont tal-protezzjoni tad-data personali fir-rigward ta' aspetti differenti u atturi differenti involuti fil-programm. il-protezzjoni tad-data personali tat-tfal hija naturalment il-kwistjoni prinċipali, iżda mhux l-unika waħda. id-data personali relatata ma' persuni u kontenuti taħt skrutinju għall-fini tal-protezzjoni tat-tfal għandha wkoll tkun ikkunsidrata.

9. Dawn il-kwistjonijiet ser jiġu żviluppati f'din opinjoni kif ġej:

— Kapitolu II ser jiżviluppa r-rabta bejn il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tat-tfal, billi jenfasizza l-fatt li l-protezzjoni tad-data tat-tfal hija pass indispensabbli lejn aktar sigurtà u prevenzjoni ta' abbuż,

— fil-Kapitolu III, l-opinjoni ser tenfasizza l-fatt li l-ipproċessar tad-data personali hija wkoll inerenti għar-rappurtar, l-iffiltrar jew l-imblukkar ta' kontenuti jew persuni suspettużi fuq l-Internet:

— fl-ewwel punt, il-kwistjoni tar-rappurtar ta' persuni jew fatti ssuspettati ser jiġu analizzati f'perspettiva ta' protezzjoni tad-data,

— it-tieni punt ser jiffoka fuq l-irwol ta' għodod tekniċi,

— ir-responsabbiltà ta' l-industrija, fir-rigward tal-kontroll tagħhom fuq id-data ta' l-utenti u fuq il-kontenut tad-data ser tkun is-suġġett ta' l-aħħar punt.

II. PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI U S-SIGURTÀ TAT-TFAL

10. Il-KEPD jappoġġa totalment l-oġettiv tal-programm u l-orjentazzjonijiet definiti biex tissaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal on-line. B'mod partikolari, it-tnaqqis ta' kontenut illegali jew dannuż u t-tqajjim tas-sensibilizzazzjoni tat-tfal u ta' atturi oħrajn involuti huma miżuri deċiżivi li għandhom jiġu żviluppati aktar.

⁽¹⁾ Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta, 2.1. Il-kuntest leġislativ; Taqsira tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt, 1.2. Sitwazzjoni attwali: legislażjoni.

⁽²⁾ — Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

— Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

— Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

11. Il-KEPD jixtieq ifakkar li protezzjoni adatta ta' l-informazzjoni personali tat-tfal hija pass preliminari essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà fil-waqt li jkunu online. Din l-interkonnessjoni bejn il-privatezza u s-sigurtà tat-tfal hija espliċita fid-Dikjarazzjoni reċenti tal-Kumitat tal-Ministri "dwar il-protezzjoni tad-dinjità, is-sigurtà u l-privatezza tat-tfal li jużaw l-Internet" ⁽³⁾. Id-dikjarazzjoni tfakkar fid-dritt tat-tfal għad-dinjità, il-protezzjoni u l-kura speċjali kif inhu meħtieġ għall-benessri tagħhom, "għall-protezzjoni kontra kull forma ta' diskriminazzjoni jew interferenza arbitrarja jew illegali fil-privatezza tagħhom u għall-attakki illegali fuq l-unur u r-reputazzjoni tagħhom."

12. Bħala eżempji ta' riskji assoċjati mal-protezzjoni u l-privatezza tat-tfal, id-dikjarazzjoni tiċċita t-traċabbiltà ta' attivitajiet tat-tfal li jistgħu jesponuhom għal attivitajiet kriminali, bħal solleċitazzjoni għal finijiet sesswali jew attivitajiet illegali oħrajn. Il-profil u ż-żamma tad-data personali rigward l-attivitajiet tat-tfal huma wkoll ippreżentati bħala li jwasslu għal riskju potenzjali ta' użu żbaljat, per eżempju għal finijiet kummerċjali, jew għal tiftix minn stabbilimenti edukattivi jew min iħaddem. Għalhekk id-dikjarazzjoni tappella għat-tneħħija jew it-tħassir f'perijodu ta' żmien pjuttost qasir tal-kontenut u t-traċċi li jħallu t-tfal online, u għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' informazzjoni lit-tfal, speċjalment dwar l-użu kompetenti ta' l-għodod li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni, l-iżvilupp ta' analiżi kritika ta' kontenut u l-appropriazzjoni ta' ħliet adegwati ta' komunikazzjoni.

13. Il-KEPD jappoġġa dawn is-sejbiet. B'mod partikolari, huwa jikkunsidra bħala essenzjali li titqajjem sensibilizzazzjoni tat-tfal fir-rigward tar-riskji marbutin ma' komunikazzjoni spontanja ta' dettalji personali bħall-isem veru, l-età jew il-post ta' residenza.

14. Il-Punt 3 tal-miżuri ⁽⁴⁾ proposti mill-programm pluriennali hu ddedikat speċifikament għall-"Iżgurar tas-sensibilizzazzjoni pubblika", permezz ta' azzjonijiet diretti lejn it-tfal, il-ġenituri, dawk li jieħdu ħsiebhom jew l-edukaturi, fir-rigward ta' opportunitajiet u riskji relatati ma' l-użu ta' teknoloġiji on-line u "mezzi biex wieħed jibqa' sikur on-line". Fost il-mezzi indikati fil-proposta, id-disseminazzjoni ta' informazzjoni adatta u l-provediment ta' punti ta' kuntatt fejn il-ġenituri u t-tfal jistgħu jirċievu tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar kif wieħed jibqa' sikur on-line, hemm żewġ għodod utli li għandhom jintegraw espliċitament din id-dimensjoni tal-protezzjoni tad-data personali tat-tfal.

15. Il-KEPD jixtieq jenfasizza li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data huma interlokaturi rilevanti f'dan il-kuntest. Huma għandhom jissemew bħala tali fil-proposta, speċjalment fejn hija tipprevedi l-promozzjoni ta' kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-esperjenza u l-prattika tajba fil-livell nazzjonali u dak Ewropew ⁽⁵⁾.

⁽³⁾ Dikjarazzjoni adottata mill-Kunsill tal-Ministri fl-20 ta' Frar 2008 fl-1018 laqgħa tad-Deputati tal-Ministri, disponibbli fuq "wcd.coe.int/ViewDoc.jsp?Ref=Decl(20.02.2008)&Ver=0001"

⁽⁴⁾ Anness I, Azzjonijiet, il-punt 3.

⁽⁵⁾ Anness I, Azzjonijiet, il-punt 1.

16. Jistgħu jissemmew diversi inizjattivi bħala illustrazzjoni ta' azzjonijiet reċenti meħudin f'din il-perspettiva fl-Istati Membri jew il-Membri taż-ŻEE. L-Awtorità ta' Protezzjoni tad-Data (DPA) Svediża qed twettaq sondaġġ annwali dwar l-attitudnijiet taż-żgħażaġh⁽¹⁾ lejn l-internet u s-sorveljanza, l-istess bħad-DPA tar-Renju Unit li wettaq sondaġġ dirett lejn 2000 tifel u tifla bejn l-14 u l-21 sena. F'Janar 2007, flimkien mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, id-DPA Norveġiża nediet kampanja edukattiva diretta lejn l-iskejjel⁽²⁾. Fil-Portugall, ġie ffirmat protokoll bejn id-DPA u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, biex tiġi promossa l-kultura ta' protezzjoni tad-data fuq l-Internet u speċjalment fuq in-netwerks soċjali⁽³⁾. Wara dan il-proġett, in-netwerks soċjali Portugiżi integraw interfaċċa u maskott iddedikati għat-tfal bejn l-10 u l-15-il sena.
17. Dawn l-eżempji juru l-irwol attiv u deċiżiv ta' l-atturi tal-protezzjoni tad-data fil-każ tal-protezzjoni tat-tfal on-line, u l-ħtieġa li jiġu inklużi espliċitament bħala interlokaturi fil-programm pluriennali.

III. PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI U D-DRITTJIET TA' PARTIJET INTERESSATI OĦRAJN

I. Rappurtar u skambju ta' informazzjoni

18. L-ewwel punt tal-proposta ("It-Tnaqqis ta' kontenut illegali u l-ittrattar ta' kondotta dannuża online⁽⁴⁾") jinkludi bħala waħda mill-azzjonijiet prinċipali tiegħu l-provediment ta' punti ta' kuntatt għar-rappurtar ta' kontenut illegali u kondotta dannuża. M'hemmx dubju li biex tiġi miġġielda b'mod effiċjenti, il-kontenut illegali jew il-kondotta dannuża għandhom jinġabu għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti. In fatti diġà ġew stabbiliti punti ta' kuntatt fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal iżda wkoll, per eżempju, għall-ġlieda kontra l-ispam⁽⁵⁾.
19. Madankollu, il-KEPD jinnotta li l-idea dwar kontenut dannuż tibqa' mhux ċara: ma tingħata l-ebda indikazzjoni dwar minn hu responsabbli biex jiddefinixxi xinhu kontenut dannuż, u skond liema kriterji. Dan hu dejjem aktar inkwetanti meta jitqiesu l-implikazzjonijiet ta' rappurtar eventwali ta' tali kontenut.
20. Barra minn hekk, kif diġà ssemma' hawn fuq, fil-qafas ta' programm bħal dak preżenti hemm in kwistjoni mhux biss id-data personali tat-tfal, iżda wkoll id-data personali tal-persuni kollha li huma konnessi b'xi mod ma' l-informazzjoni li tiċċirkula fuq in-netwerk. Per eżempju, jista' jkun li l-persuna ssuspettata b'imġiba ħażina u rappurtata bħala

suspett, iżda wkoll il-persuna li tirrapporta mġiba jew kontenut suspettuż, jew il-vittma ta' abbuż. Filwaqt li din l-informazzjoni hi meħtieġa għal sistema ta' rappurtar effiċjenti, il-KEPD jikkunsidra li hu importanti li jfakkar li għandha dejjem tiġi pproċessata skond il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data.

21. Xi data in kwistjoni tista' saħansitra tkun teħtieġ protezzjoni speċifika, jekk tista' tkun tiġi kkunsidrata bħala data sensitiva fit-tifsira ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE. Dan jista' jkun il-każ għal data relatata ma awturi ta' ksar kif ukoll vittmi ta' abbuż, speċjalment fil-każ ta' pornografija tat-tfal. Għandu jkun nnotat li fil-livell nazzjonali, xi sistemi ta' rappurtar kienu jeħtieġu modifika tal-leġislazzjoni tal-protezzjoni tad-data biex ikun jista' jsir l-ipproċessar tad-data ġudizzjarja ta' trasgessuri suspettati jew vittmi⁽⁶⁾. Il-KEPD jinsisti dwar il-fatt li kwalunkwe sistema ta' rappurtar li għandha tiġi attwata tiegħu kont tal-qafas eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data. Il-wiri ta' interess pubbliku, kif ukoll garanziji relatati mas-sorveljanza tas-sistema, in prinċipju mill-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi, huma elementi deċiżivi għall-konformità ma' dan il-qafas.

II. L-irwol ta' għodod tekniċi f'perspettiva ta' privatezza

22. L-użu ta' għodod tekniċi hu promoss bħala waħda mis-soluzzjonijiet biex jiġu ttrattati l-kontenut illegali u l-kondotta dannuża⁽⁷⁾. Eżempji ta' tali għodod jingħataw fil-valutazzjoni ta' l-impatt⁽⁸⁾, inklużi r-rikonossiment ta' l-età, ir-rikonossiment tal-wiċċ (għall-identifikazzjoni tal-vittma mill-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi) jew teknoloġiji ta' fil-trazzjoni. Skond il-proposta dawn l-għodod għandhom ikunu adatti aħjar għal ħtiġijiet prattiċi jew aċċessibli għall-partijiet interessati rilevanti.
23. Il-KEPD diġà ħa pożizzjoni⁽⁹⁾ ċara favur l-użu ta' teknoloġiji ġodda biex titjeb il-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-individwi. Huwa jikkunsidra li l-prinċipju ta' "privacy by design" għandu jikkostitwixxi parti inerenti mill-iżvilupp teknoloġiku li jimplika l-ipproċessar tad-data personali. Għalhekk, l-KEPD jinkoraġġixxi bil-qawwi l-iżvilupp ta' proġetti li jimmiraw lejn l-iżvilupp ta' teknoloġiji f'dak is-sens.
24. Huwa speċjalment importanti li jiġu żviluppati sistemi li ser inaqsu kemm jista' jkun possibbli l-espożizzjoni tad-data personali tat-tfal billi jipprovduhom bi protezzjoni affidabbli u kif meħtieġ joffrullhom l-opportunità li jużaw b'mod aktar sigur, għodod ġodda tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni bħan-netwerks soċjali.

⁽¹⁾ Ara "www.ico.gov.uk/youngpeople"

⁽²⁾ Ara "www.dubestemmer.no"

⁽³⁾ Ara "dados.cnpd.pt/"

⁽⁴⁾ Anness I tal-proposta.

⁽⁵⁾ Ara per eżempju l-websajt attwata mill-awtoritajiet Belġjani għal dawn il-finijiet: www.ecops.be

⁽⁶⁾ Ara l-Liġi Belġjana dwar il-Protezzjoni tad-Data fit-8 ta' Diċembru 1992, l-Artikolu 3, paragrafu 6 relatat ma' l-ipproċessar tad-data miċ-Ċentru għar-rappurtar ta' tfal nieqsa jew abbużati seswalment.

⁽⁷⁾ Anness I, Azzjonijiet, il-punt 1.

⁽⁸⁾ Valutazzjoni ta' l-impatt, punt 3.1.

⁽⁹⁾ Rapport annwali tal-KEPD 2006 parti 3.5.1 Żviluppi teknoloġiċi.

25. Madankollu għandu jkun infakkar li, l-għodod teknoloġiċi jista' jkollhom varjetà ta' impatti fuq l-individwi, skond il-mod kif jintużaw. Jekk jintużaw sabiex jifiltraw jew jimblokkaw l-informazzjoni, huma jistgħu jwaqqfu l-aċċess mit-tfal għal kontenut li jista' jkun potenzjalment dannuż, iżda huma jkunu jistgħu wkoll jevitaw li xi persuna jkollha aċċess għal informazzjoni leġittima.
26. Anke jekk it-tħassib prinċipali hawnhekk jirrelata mal-libertà ta' l-aċċess għall-informazzjoni, xorta jibqa' konsegwenza f'perspettiva ta' privatezza. Tassew, il-filtrazzjoni, speċjalment fl-iżviuppi l-aktar reċenti tagħha bl-użu ta' ġestjoni ta' l-identità, tista' tiffunzjona abbażi ta' kriterji magħrufa, inkluża d-data personali bħall-età ta' l-individwu konness man-netwerk (biex jevita aċċess mill-adulti jew it-tfal għal kontenut speċifikat), il-kontenut ta' l-informazzjoni u d-data ta' traffiku konnessa ma' l-identità ta' l-awtur ta' l-informazzjoni. Skond il-mod ta' kif din l-informazzjoni personali ser — awtomatikament — tiġi pproċessata, l-individwi kkonċernati jistgħu jiffaċċaw konsegwenzi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jikkomunikaw online.
27. L-użu ta' l-għodod ta' filtrazzjoni jew imblukkar biex ikun ikkontrollat l-aċċess għan-netwerks għandu għalhekk ikun utilizzat b'mod kawt, b'kont meħud ta' l-effetti negattivi possibbli tagħhom u b'teħid sħiħ tal-vantaġġ ta' l-opportunitajiet li jsaħħu l-privatezza offruti mit-teknoloġija.
28. Il-KEDP jilqa' l-preċiżjoni mogħtija fil-valutazzjoni ta' l-impatt ⁽¹⁾ skond liema l-ebda waħda mill-għażliet proposti m'għandha taffettwa d-drittijiet għall-privatezza u l-libertà ta' l-espressjoni. Huwa jikkondividi wkoll il-fehma espressa hemmhekk li wieħed mill-oġettivi prinċipali hu r-responsabilizzazzjoni ta' l-utent, jiġifieri “responsabbiltà biex jagħmel għażliet aħjar u jieħu l-azzjonijiet adatti” għall-protezzjoni tat-tfal ⁽²⁾.
- III. Ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizz
29. Il-kollaborazzjoni tal-partijiet interessati kollha hi kkunsidrata fil-proposta bħala element meħtieġ għat-tisħiħ tal-protezzjoni tat-tfal li jużaw it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni. Fost dawn il-partijiet interessati, il-proposta ⁽³⁾ tipprevedi l-parteċipazzjoni u l-involvement ta' l-industrija speċjalment permezz ta' l-awto-regolamentazzjoni.
30. Billi tkun responsabbli għad-dispożizzjoni ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni u kontenut, l-industrija f'dan is-settur jista' jkollha xi influwenza dwar ir-rappurtar, il-filtrazzjoni jew l-imblukkar ta' l-informazzjoni meta tkun ikkunsidrata bħala illegali jew dannuża. L-estent safejn hija tkun tista' realment tiġi fdata b'tali komputu, f'perspettiva legali, jista' madankollu jwassal għal diskussjoni.
31. Il-kollaborazzjoni ta' l-industrija fil-perspettiva li titqajjem sensibilizzazzjoni tat-tfal u atturi oħrajn, bħall-ġenituri jew l-edukaturi, naturalment tintlaqa' tajjeb. L-implimentazzjoni ta' sistemi ta' alert u moderaturi fuq il-websajts li jippermettu għall-esklużjoni ta' kontenut mhux adatt, huwa wkoll aspekk essenzjali tar-responsabbiltà ta' intermedjarji li jipprovdu kontenut.
32. Safejn huma kkonċernati l-intermedjarji li jipprovdu servizz ta' telekomunikazzjoni, il-monitoraġġ tat-telekomunikazzjoni huwa madankollu kwistjoni diskutibbli, immirata lejn jew il-kontroll ta' kontenut protett mid-drittijiet tal-proprjeta intellettwali jew kontenut illegali ieħor. Il-kwistjoni tirriżulta fl-intervent ta' attur kummerċjali, li joffri servizz (ta' telekomunikazzjoni) speċifiku, fi sfera fejn fil-prinċipju mhux suppost li jintervjeni, jiġifieri, il-kontroll tal-kontenut tat-telekomunikazzjoni. Il-KEDP jfakkar li tali kontroll, fil-prinċipju m'għandux isir mill-fornituri ta' servizz, u ċertament mhux b'mod sistematiku. Meta jkun meħtieġ f'ċirkostanzi speċifiċi, fil-prinċipju għandu jkun il-kompitu ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi.
33. Fl-opinjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2005, il-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 fakkar fir-rigward ta' din il-kwistjoni ⁽⁴⁾ li “ma jista' jiġi impost l-ebda obbligu sistematiku ta' sorveljanza u kollaborazzjoni fuq il-Fornituri ta' Servizzi fuq l-Internet (ISPs), skond l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/31/KE dwar il-kummerċ elettroniku (...). Kif imsemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, l-ipproċessar tad-data relatata ma' reati, kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà, tista' tiġi pproċessata biss taħt kondizzjonijiet stretti kif implimentati mill-Istati Membri. Filwaqt li ovvjament kwalunkwe individwu għandu d-dritt li jipproċessa d-data ġudizzjarja fil-proċess tal-litigazzjoni tiegħu/tagħha, il-prinċipju ma jasalx biex jippermetti investigazzjoni dettaljata, ġabra u ċentralizzazzjoni tad-data personali minn partijiet terzi, inkluża b'mod partikolari riċerka sistematika fuq skala ġenerali bħall-iscanning ta' l-Internet (...). Tali investigazzjoni taqa' fil-kompetenza ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji.”

29. Il-kollaborazzjoni tal-partijiet interessati kollha hi kkunsidrata fil-proposta bħala element meħtieġ għat-tisħiħ tal-protezzjoni tat-tfal li jużaw it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni. Fost dawn il-partijiet interessati, il-proposta ⁽³⁾ tipprevedi l-parteċipazzjoni u l-involvement ta' l-industrija speċjalment permezz ta' l-awto-regolamentazzjoni.
30. Billi tkun responsabbli għad-dispożizzjoni ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni u kontenut, l-industrija f'dan is-settur jista' jkollha xi influwenza dwar ir-rappurtar, il-filtrazzjoni jew l-imblukkar ta' l-informazzjoni meta tkun ikkunsidrata bħala illegali jew dannuża. L-estent safejn hija tkun tista' realment tiġi fdata b'tali komputu, f'perspettiva legali, jista' madankollu jwassal għal diskussjoni.

⁽¹⁾ Valutazzjoni ta' l-impatt, punt 5.2.

⁽²⁾ F'dak is-sens, il-filters ikunu jistgħu jiġu inizzjati mill-ġenituri, u jkunu jistgħu jiġu di-attivati, biex l-adult jibqa' b'kontroll sħiħ fuq l-effett ta' filtrazzjoni.

⁽³⁾ Premessa 8 tl-preambolu; Anness 1, punt 1.4.; Sommarju tal-valutazzjoni ta' l-impatt, punt 3.1.

34. Fil-qasam fejn huma involuti l-libertà tal-kelma, l-aċċess għall-informazzjoni, il-privatezza u drittijiet fundamentali oħrajn, dan l-intervent ta' atturi privati jqajjem il-kwistjoni tal-proporzjonalità tal-mezzi użati. Reċentement il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tenfasizza l-hteġġa għal soluzzjoni f'konformità mad-drittijiet fundamentali ta' l-individwi ⁽⁵⁾. Fil-punt 23 tar-riżoluzzjoni tiegħu, huwa jiddikjara li “l-Internet huwa pjattaforma vasta għall-espressjoni kulturali l-aċċess għall-għarfien, il-parteċipazzjoni demokratika fil-kreatività Ewropea, li tlaqqa' l-ġenerazzjonijiet flimkien permezz tas-soċjeta ta' l-informazzjoni; [il-Parlament] jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, biex jevitaw l-adozzjoni ta' miżuri f'konflitt mal-libertajiet ċivili u d-drittijiet tal-bniedem u mal-prinċipji ta' proporzjonalità, l-effettività u d-dissważività, bħall-interruzzjoni ta' l-aċċess għall-Internet”.

⁽⁴⁾ Dokument ta' ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 dwar kwistjoni-jiet ta' protezzjoni tad-data relatati mad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, WP 104.

⁽⁵⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' April 2008 dwar l-industrija kulturali fl-Ewropa (2007/2153(INI)), il-punt 23.

35. Il-KEDP jikkunsidra li għandu jinsab bilanċ bejn l-oġettivi leġittimi fil-ġlieda kontra l-kontenut illegali u n-natura adatta tal-mezzi użati. Huwa jfakkar li kwalunkwe azzjoni ta' sorveljanza tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni, fejn jeħtieġ f'każijiet speċifiċi, għandha tkun il-kompitu ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi.

IV. KONKLUŻJONI

36. Il-KEDP jappoġġa l-proposta għal programm pluriennali biex ikunu protetti t-tfal li jużaw l-Internet u teknoloġiji ta' komunikazzjoni oħrajn. Huwa jilqa' l-fatt li dan il-programm għandu l-intenzjoni li jiffoka fuq l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u fuq l-elaborazzjoni ta' azzjonijiet konkreti biex tissaħħaħ l-effettività tal-protezzjoni tat-tfal.

37. Il-KEDP jfakkar li l-protezzjoni tad-data personali hu prerekwiżit essenzjali għas-sigurtà tat-tfal online. L-użu żbaljat ta' l-informazzjoni personali tat-tfal għandu jiġi evitat, bl-użu ta' l-orjentazzjonijiet proposti fil-programm, u speċjalment dan li ġej:

- l-iżgurar tas-sensibilizzazzjoni tat-tfal u partijiet interessati oħrajn bħall-ġenituri u l-edukaturi,
- il-promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' l-aħjar prattika mill-industrija,
- il-promozzjoni ta' l-iżvilupp ta' għodod teknoloġiċi konformi mal-privatezza,

— il-preferenza għall-iskambju tal-prattika tajba u l-esperjenza prattika fost l-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data.

38. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu żviluppatti mingħajr ma jintnesa' l-fatt li l-protezzjoni tat-tfal issir f'ambjent fejn jistgħu jkunu involuti d-drittijiet ta' oħrajn. Kwalunkwe inizjattiva ta' ġbir, imblukkar jew rappurtar ta' informazzjoni għandu jittieħed fir-rigward tad-drittijiet fundamentali ta' l-individwi involuti kollha u f'konformità mal-qafas legali dwar il-protezzjoni tad-data. B'mod partikolari, il-KEDP ifakkar li kwalunkwe azzjoni ta' sorveljanza tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni, fejn jeħtieġ f'każijiet speċifiċi, għandha tkun il-kompitu ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi.

39. Il-KEDP jinnota li dan il-programm jikkostitwixxi qafas ġenerali għal aktar azzjonijiet konkreti. Huwa jikkunsidra li xi osservazzjonijiet li saru f'din l-opinjoni huma l-ewwel pass u jistgħu jiġu żviluppatti b'mod prattiku, b'referenza għall-proġetti li għad iridu jiġu attwati, f'konformità ma' l-orjentazzjonijiet tal-programm. Huwa jirrakkomanda li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jkunu involuti mill-qrib meta jiġu għad-definizzjonijiet ta' dawn il-proġetti prattiċi. Huwa jirreferi wkoll għall-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 dwar is-suġġett, u b'mod partikolari għall-ħidma preżenti tal-Grupp ta' Ħidma fuq in-netwerks soċjali⁽¹⁾.

Magħmul fi Brussell, fit-23 ta' Ġunju 2008.

Peter HUSTINX

Kontrollatur Ewropw għall-Protezzjoni tad-Data

⁽¹⁾ Ara d-Dokument ta' Ħidma 1/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar il-protezzjoni tad-Data personal tat-Tfal, WP 147, u għal ħarsa aktar ġenerali, il-programm ta' ħidma 2008 — 2009 tal-Grupp ta' Ħidma inklużi n-netwerks soċjali, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/justice_home/fsj/privacy/workinggroup/wpdocs/2008_en.htm